## Anness I

## Lista tal-ismijiet, għamliet farmaċewtiċi, qawwiet tal-prodotti mediċinali veterinarji, speċi tal-annimali, rotot ta' amministrazzjoni u applikanti/detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fl-Istati Membri

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | PHARMASIN 200 mg/ml Injektionslösung für Rinder, Schafe, Ziegen und Schweine | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Awstrija | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 mg/ml Injektionslösung für Rinder, Schafe, Ziegen und Schweine | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Awstrija | Vana GmbH<br>Wolfgang Schmälzl-Gasse 6<br>1020 Wien<br>Austria | Vanatyl 200 mg/ml - Injektionslösung für Tiere | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Għoġġiela<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer Klieb | IM |
| Il-Belġju | Cross Vetpharma Group Ltd<br>Broomhill Road, Tallagh<br>Dublin 24<br>Ireland | Bilovet | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Il-Belġju | VETOQUINOL SA/NV<br>Kontichsesteenweg 42<br>2630 Aartselaar<br>Belgium | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | Biovet JSC<br>39, Petar Rakov Str.<br>4550 Pesthera<br>Bulgaria | PHARMASIN 200 mg/ml solution for injection for cattle, sheep, goats and pigs | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Kroazja | VETOQUINOL SA<br>Magny-Vernois<br>70200 Lure<br>France | Tylucyl 200 mg/mL otopina za injekcije za goveda i svinje | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Ċipru | VETOQUINOL SA<br>Magny-Vernois<br>70200 Lure<br>France | Tylucyl 200 mg/ml raztopina za injiciranje za govedo in prašiče | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Id-Danimarka | Biovet JSC<br>39, Petar Rakov Str.<br>4550 Pesthera<br>Bulgaria | Tylaxene | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Id-Danimarka | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>BE-2600 Antwerpen<br>Belgium | Tylmasin | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Id-Danimarka | Vetoquinol Scandinavia AB<br>Lyngbyvej 20<br>DK-2100 København<br>Denmark | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| Stat Membru UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Għamla Farmaċewtika | Qawwa | Speċijiet ta' annimali | Rotta ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Estonja | Vétoquinol SA,<br>Magny-Vernois<br>70200 Lure<br>France | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Finlandja | VETOQUINOL SA/NV<br>Kontichsesteenweg 42<br>2630 Aartselaar<br>Belgium | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Franza | LILLY France<br>24 Boulevard Vital Bouhot<br>92200 Neuilly Sur Seine<br>France | TYLAN 200 | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Franza | HUVEPHARMA<br>Uitbredingstraat 53<br>2600 Antwerp<br>Belgium | PHARMASIN 200 MG/ML SOLUTION INJECTABLE POUR BOVINS OVINS CAPRINS ET PORCINS | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Franza | Biovet JSC<br>39, Petar Rakov Str.<br>4550 Pesthera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 MG/ML SOLUTION INJECTABLE POUR BOVINS, OVINS, CAPRINS ET PORCINS | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | CROSS VETPHARM GROUP<br>Broomhill Road<br>Dublin 24<br>Tallaght<br>Ireland | BILOVET 200 MG/ML SOLUTION INJECTABLE | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Franza | VETOQUINOL<br>Magny Vernois<br>70200 Lure<br>France | TYLUCYL 200 MG/ML SOLUTION INJECTABLE POUR BOVINS ET PORCINS | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Ġermanja | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | Tylmasin 200 mg/ml Injektionslösung für Rinder, Schafe, Ziegen und Schweine | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Ġermanja | Vétoquinol GmbH<br>Parkstr. 10<br>88212 Ravensburg<br>Germany | Tylucyl 200 mg/ml | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Ġermanja | HUVEPHARMA NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | Pharmasin 200 mg/ml Injektionslösung für Rinder, Schafe, Ziegen und Schweine | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| Stat Membru UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Għamla Farmaċewtika | Qawwa | Speċijiet ta' annimali | Rotta ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Bimeda Chemicals Export a Division of Cross Vetpharm Group, Ltd.<br>Broomhill Road, Tallagh<br>Dublin 24<br>Ireland | Bilovet 200 mg/ml Injektionslösung für Rinder und Schweine | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Il-Greċja | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Ungerija | Huvepharma N.V.<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | PHARMASIN 200 mg/ml oldatos injekció szarvasmarhák, juhok, kecskék és sertések részére | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Ungerija | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 mg/ml oldatos injekció szarvasmarhák, juhok, kecskék és sertések részére | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Ungerija | VETOQUINOL SA<br>Magny Vernois<br>70200 LURE<br>France | Tylucyl 200 mg/ml oldatos injekció szarvasmarhák és sertések részére | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Eli Lilly & Company Limited<br>Elanco Animal Health<br>Priestley Road<br>Basingstoke<br>Hampshire RG24 9NL<br>United Kingdom | Tylan 200, 200mg/ml Solution for Injection | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| L-Irlanda | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | Tylaxen 200 mg/ml solution for injection for cattle, sheep, goats and pigs. | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Irlanda | Huvepharma N.V.<br>Uitbreidingsstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | Pharmasin 200 mg/ml solution for injection for cattle, sheep, goats and pigs | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Irlanda | Cross Vetpharm Group Ltd.<br>Broomhill Road, Tallaght<br>Dublin 24<br>Ireland | Bilovet 200 mg/ml Solution for Injection for cattle and pigs. | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| L-Italja | Vetoquinol Italia S.r.l.<br>Via Piana 265<br>47032 Bertinoro (FC)<br>Italy | TYLUCYL 200 mg/ml soluzione iniettabile per bovini e suini | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja | FATRO S.p.A.<br>Via Emilia 285<br>40064 Ozzano Emilia (BO)<br>Italy | VETIL | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat, ħnieżer, klieb | IM |
| L-Italja | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 mg/ml. soluzione iniettabile | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Italja | ELI LILLY ITALIA S.p.A.<br>Via Gramsci, 731/733<br>50019 Sesto Fiorentino<br>Firenze<br>Italy | TYLAN 200 | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| L-Italja | HUVEPHARMA NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Anversa<br>Belgium | PHARMASIN 200 mg/ml soluzione iniettabile per bovini, ovini, caprini e suini | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Latvja | Vetoquinol S.A.<br>Magny-Vernois B.P. 189<br>Lure Cedex<br>France | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Netherlands | CROSS VETPHARM GROUP Ltd.<br>Broomhill Road, Tallaght<br>Dublin 24<br>Ireland | BILOVET 200 mg/ml oplossing voor injectie voor runderen en varkens | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpia<br>Belgium | Pharmasin | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Polonja | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | Tylaxen | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Polonja | Aniserve UG<br>Geyerspergerstrasse 27<br>80689 Munich<br>Germany | Bilovet 200 | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Il-Polonja | Vetoquinol Biowet Sp. z o.o.<br>ul. Kosynierów Gdyńskich 13-14<br>66-400 Gorzów Wielkopolski<br>Poland | Tylucyl 200 mg/ ml solution for injection | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | Vetoquinol S.A.<br>Magny-Vernois B.P. 189<br>Lure Cedex<br>France | Tylucyl 200 mg/ml, solução injetável para bovinos e suínos | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Portugall | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | PHARMASIN 200 mg/ml solução injetável para bovinos, ovinos, caprinos e suínos | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Portugall | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 mg/ml solução injetável para bovinos, ovinos, caprinos e suínos | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Il-Portugall | Lilly Portugal - Produtos Farmacêuticos, Ldª<br>R. Cesário Verde, 5 - piso 4<br>Linda-a-Pastora<br>2790-326 Queijas<br>Portugal | Tylan 200 mg/ml Solução injetável para bovinos e suínos | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Ir-Rumanija | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | Tylaxen 200 mg/ml | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

| Stat Membru UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Għamla Farmaċewtika | Qawwa | Speċijiet ta' annimali | Rotta ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | Cross Vetpharm Group Ltd.<br>Broomhill Road, Tallaght<br>Dublin 24<br>Ireland | Bilovet 200 mg/ml | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Is-Slovakkja | Vétoquinol s.r.o.<br>Zámečnická 411<br>288 02 Nymburk<br>Czech Republic | TYLUCYL 200 mg/ml injekčný roztok pre hovädzí dobytok a ošípané | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Is-Slovakkja | Biovet JSC<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLOVET B- 200 mg/ml injekčný roztok | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Is-Slovenja | VETOQUINOL SA<br>Magny-Vernois<br>70200 Lure<br>France | Tylucyl 200 mg/ml raztopina za injiciranje za govedo in prašiče | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Spanja | CROSS VETPHARM GROUP LIMITED.<br>Broomhill Road, Tallaght<br>Dublin 24<br>Ireland | BILOVET 200 mg/ml SOLUCION INYECTABLE PARA BOVINO Y PORCINO | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |

| Stat Membru UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Għamla Farmaċewtika | Qawwa | Speċijiet ta' annimali | Rotta ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | VETOQUINOL ESPECIALIDADES VETERINARIAS, S.A.<br>A. Fuencarral Alcobendas km 15 700 Edificio Europa I Portal 3 2º5<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spain | TYLUCIL 200 mg/ml SOLUCIÓN INYECTABLE | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Spanja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerpen<br>Belgium | PHARMASIN 200 MG/ML SOLUCIÓN INYECTABLE PARA BOVINO OVINO CAPRINO Y PO | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Spanja | Biovet JSC,<br>39 Petar Rakov Str.<br>4550 Peshtera<br>Bulgaria | TYLAXEN 200 MG/ML SOLUCIÓN INYECTABLE PARA BOVINO OVINO CAPRINO Y PORC | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>nagħaġ<br>Mogħoż<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| L-Iżvezja | Vetoquinol Scandinavia AB<br>Box 9<br>265 21 Åstorp<br>Sweden | Tylucyl | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |
| Ir-Renju Unit | Cross Vetpharm Group Ltd.<br>Broomhill Road, Tallaght<br>Dublin 24<br>Ireland | Bilovet 200 mg/ml Solution for Injection for Cattle and Pigs | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |

| **Stat Membru UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Għamla Farmaċewtika** | **Qawwa** | **Speċijiet ta' annimali** | **Rotta ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Renju Unit | Eli Lilly & Company Ltd<br>Elanco Animal Health<br>Priestley Road<br>Basingstoke<br>Hampshire RG24 9NL<br>United Kingdom | Tylan 200, 200 mg/ml Solution for Injection | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat Ħnieżer | IM |
| Ir-Renju Unit | Vetoquinol UK Ltd<br>Vetoquinol House<br>Great Slade<br>Buckingham Industrial Park<br>Buckingham MK18 1PA<br>United Kingdom | Tylucyl 200 mg/ml solution for injection for cattle and pigs | Tilosina | Soluzzjoni għall-injezzjoni | 200,000 IU/ml | Frat<br>Ħnieżer | IM<br>IV bil-mod (frat) |

# Anness II

# Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-emenda tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

# Sommarju ġenerali tal-valutazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali u li huma intiżi għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. (ara Anness I)

## 1. Introduzzjoni

It-tilosina huwa antibijotiku makrolidu prodott minn *Streptomyces fradiae*. Huwa attiv l-iktar kontra batterji Gram-pożittivi u mikoplażmi. Huwa ineffettiv kontra *Enterobacteriaceae*. It-tilosina u l-imluħa fosfati u tartratiċi tiegħu jintużaw f' mediċini veterinarji għall-kura ta' kondizzjonijiet ikkawżati minn organiżmi sensittivi. Dan jista' jingħata mill-ħalq jew b' mod parenterali. Il-makrolidi huma kkategorizzati bħala antimikrobiċi kritikament importanti kemm fil-mediċina tal-bniedem kif ukoll f' dik veterinarja, madankollu t-tilosina ma jintużax fil-mediċina tal-bniedem.

Il-Finlandja nnutat li hemm prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali u li huma intiżi għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. (jew *Mycoplasma bovis*) li bħalissa huma awtorizzati jew għandhom awtorizzazzjonijiet pendenti fl-Unjoni Ewropea.

Mastite kkawżata minn *M. bovis* hija differenti f' diversi modi minn infezzjonijiet ikkawżati mill-maġġoranza tal-patoġeni aktar komuni tal-mastite (eż. *Streptococcus* spp., *Staphylococcus* spp.). Ħafna drabi jiġi affettwat aktar minn kwart u hemm waqgħa mmarkata fil-produzzjoni tal-ħalib. Il-patoġenu huwa kontaġġjuż ħafna u jikkawża telf ekonomiku sever.

Il-Finlandja nnutat li fir-riċensjoni xjentifika attwali m' hemm l-ebda appoġġ għall-indikazzjoni "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma bovis*", iżda minflok huwa ddikjarat b' mod komuni li m' hemm l-ebda għażla ta' kura bl-antimikrobiċi għal mastite bovina kkawżata minn mikoplażma.

Il-Finlandja kkunsidrat li kura ineffettiva ta' mastite bil-mikoplażma bit-tilosina tippreżenta tħassib serju dwar is-saħħa tal-annimali u tal-bniedem peress li din iddewwem id-dijanjożi korretta, tippermetti t-tixrid tal-patoġenu lil baqar oħrajn, timpedixxi miżuri ta' kontroll effiċjenti/prudenti u żżid ir-riskju għall-iżvilupp ta' reżistenza antimikrobika minħabba l-użu mhux meħtieġ tal-antimikrobiċi.

Għalhekk, fit-22 ta' Ġunju 2016, il-Finlandja bdiet proċedura ta' referenza skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE, għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali u li huma intiżi għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (is-CVMP) intalab jikkunsidra d-data disponibbli u l-għarfien xjentifiku attwali, u biex jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar jekk l-indikazzjoni "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." għandhiex tingħata, tinżamm, tiġi varjata jew titneħħa mill-informazzjoni dwar il-prodott tal-prodotti msemmija hawn fuq.

## 2. Diskussjoni tad-data disponibbli

L-użu tat-tilosina bħala mediċina veterinarja ġie diskuss fid-dokument ta' riflessjoni tas-CVMP dwar l-użu tal-makrolidi, tal-linkosamidi u tal-istreptogramini (MLS, macrolides, lincosamides and streptogramins) f' annimali li jipproduċu l-ikel fl-Unjoni Ewropea: żvilupp ta' reżistenza u impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009)[1]. Il-Kumitat ikkonkluda li l-indikazzjonijiet għall-użu għandhom preferibbilment jiġu limitati għal dawk li ngħatat prova għall-

[1] CVMP reflection paper on the use of macrolides, lincosamides and streptogramins (MLS) in food-producing animals in the European Union: development of resistance and impact on human and animal health (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009) http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Scientific_guideline/2011/11/WC500118230.pdf

effikaċja tagħhom u indikazzjonijiet ġenerali mingħajr bażi klinika solida għandhom jiġu evitati. F' każ ta' prodotti antiki fejn id-data hija indikazzjoni skarsa, dawn għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid u jiġu riveduti, abbażi tal-għarfien xjentifiku kurrenti, fejn xieraq.

F' din il-proċedura, l-ebda applikant/detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ikkonċernat ma pprovda dajta li tappoġġja l-użu tat-tilosina mogħti b'mod parenterali fil-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-prodott mediċinali ta' referenza "Tylan 200 mg/ml", Elanco Animal Health, qabel mat-tħassib imqajjem u kkonkluda li hemm nuqqas ta' data preklinika u klinika li tappoġġja l-indikazzjoni rispettiva. Għalhekk, dan id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq issuġġerixxa t-tneħħija ta' *Mycoplasma* spp. mill-indikazzjonijiet ta' mastite bovina għall-prodotti injettabbli tat-tilosina kkonċernati fl-Unjoni Ewropea.

*Mycoplasma* spp. jikkawża varjetà ta' infezzjonijiet inkluż mard respiratorju, otite medja, artrite u mastite fil-frat madwar id-dinja. Il-patoġenu ewlieni fost il-ġeneri huwa *Mycoplasma bovis* li l-ewwel kien iżolat mill-mastite bovina fl-Istati Uniti fis-sittinijiet. Minn dakinhar dan infirex għall-frat madwar id-dinja u huwa magħruf li jikkawża telf ekonomiku sever fil-mergħat affettwati.

Mastite kkawżata minn *M. bovis* hija differenti b' diversi modi minn infezzjonijiet ikkawżati mill-maġġoranza tal-patoġeni aktar komuni tal-mastite (eż. *Streptococcus* spp., *Staphylococcus* spp.). M. bovis huwa patoġenu tal-beżżula kontaġġjuż ħafna li normalment jikkawża mastite li taffettwa diversi kwartijiet (robbi) peress li huwa kapaċi jinfirex ematoloġikament. Is-sinjali kliniċi jvarjaw iżda t-telf tal-ħalib normalment ikun sinifikanti. Il-baqar infettati jibqgħu esternament normali bi ftit sinjali kliniċi, anki f' każijiet severi. Il-ħalib affettwat jista' jidher normali iżda jista' jkun ukoll purulenti u/jew ikollu sekrezzjonijiet anormali u ta' bla kulur. Barra mit-tixrid għal kwartijiet oħrajn, jista' jkun hemm tixrid ematoloġiku tal-mikoplażma għal partijiet oħrajn tal-ġisem, eż. il-ġogi, l-apparat respiratorju u l-widnejn. Il-mikoplażma tinfirex faċilment ukoll permezz ta' ħalib infettat jew tagħmir tat-taħlib, għalhekk, mastite li ma tiġix identifikata jew li tkun ikkurata b' mod mhux effiċjenti f' baqra eventwalment tista' twassal għal ħafna infezzjonijiet f' annimali ta' etajiet differenti.

Il-mikoplażmi ma jikbrux fuq midja konvenzjonali; dan ifixkel id-dijanjożi. Huma meħtieġa midja u atmosfera speċjali u l-perjodu ta' inkubazzjoni huwa twil (7-10 ijiem). Għall-istess raġunijiet, l-ittestjar tas-sensittività ta' *Mycoplasma* spp. huwa diffiċli. Meta t-tilosina ġie awtorizzat għall-ewwel darba għal użu veterinarju, ma kienx hemm metodoloġija li sar qbil dwarha fuq livell internazzjonali dwar l-ittestjar tas-sensittività u sal-lum għad m' hemmx waħda.

Teknoloġiji attwali bħal Reazzjoni Katina bil-Polimerażi (PCR, Polymerase Chain Reaction) ippermettew identifikazzjoni ferm aktar malajr ta' *M. bovis*. Il-ħin tal-assaġġ tnaqqas għal sigħat meta mqabbel ma' kważi ġimagħtejn meħtieġa għall-kultura konvenzjonali. L-iskrinjar ta' ħalib f' tankijiet fi kwantità jista' jintuża sabiex tiġi identifikata infezzjoni fil-merħla u permezz ta' kampjunar miġbur u/jew individwali, l-annimali li jġorru l-mard u l-infezzjonijiet ġodda jkunu jistgħu jiġu aktar intraċċati.

Minkejja t-teknoloġiji dijanjostiċi mtejba, għad hemm sfida ewlenija fid-dijanjożi tal-mastite bil-mikoplażma (u fil-valutazzjoni tas-suċċess ta' kura bl-antimikrobiċi) li l-patoġenu jista' jinxtered b' mod intermittenti fil-ħalib ta' baqar infettati.

Fl-1977, Jasper [2] iddeskriva riżoluzzjoni naturali tal-marda bħala waħda mhux prevista u rrikonoxxa l-periklu ta' baqar li jifirixu l-patoġenu b' mod intermittenti. Minn dakinhar dawn is-sejbiet ġew ivverifikati. Fl-istudju minn *Biddle et al.*, 2003[3], il-kampjuni tal-ħalib inġabru kuljum għal 28 jum minn 10 baqar tal-ħalib infettati b' *Mycoplasma* spp u tpoġġew direttament fuq agar tal-mikoplażma sabiex

---

[2] Jasper 1977. Mycoplasma and mycoplasma mastitis; JAVMA 1977 Vol. 170 No.10: 1167-1171
[3] Biddle MK, Fox LK, Hancock D 2003. Patterns of mycoplasma shedding in the milk of dairy cows with intramammary mycoplasma infection. J Am Vet Med Association 2003, 223 (8) 1163-1166

jiġu evalwati t-tendenzi tat-tifrix. 29 % tal-kampjuni komposti (81/280) u 43 % tal-kampjuni tal-ħalib ta' kwart (433/1008) ma pproduċewx tkabbir ta' Mikoplażma. L-awturi kkonkludew li jekk kampjuni ta' ħalib multipli ma jiġux ittestjati, ir-riskju ta' dijanjożi ħażina jikber. Riżultat ta' kultivazzjoni negattiv wara l-kura, qabel, seta' ġie interpretat b' mod falz bħala kura batterjoloġika għalkemm bħalissa huwa magħruf li sempliċiment huwa karatteristika tal-infezzjoni.

Jasper kien ukoll wieħed minn tal-ewwel li ddubitaw l-effikaċja tal-antimikrobiċi fil-kura ta' mastite bil-mikoplażma. Hu rrapporta l-ittestjar ta' diversi antimikrobiċi, inkluż it-tilosina. Id-dettalji tal-esperimenti tal-kura huma skarsi, iżda kollox ma' kollox, huwa ddeskriva li r-riżultati ma kinux sodisfaċenti. Il-propozjon ta' baqar li nstabu li huma pożittivi għal *M. bovis* wara 5 ijiem ta' kura bit-tilosina (3g/baqra/jum i.m.) kien għoli daqs 53 % (8/15) (Jasper (1977)). Id-doża 3 g/baqra/jum tinsab fil-medda tad-doża li hi awtorizzata madwar l-Ewropa jiġifieri, 4-10 mg/kg/jum i.m.

Tfittxija bir-reqqa fil-letteratura sabiex tinstab data ġdida dwar l-effikaċja tat-tilosina fil-kura ta' mastite bil-mikoplażma ma wriet l-ebda studju oriġinali. Minflok ġew ippubblikati diversi artikli ta' reviżjoni li jindirizzaw il-mastite bil-mikoplażma (Pfützner u Sachse (1996)[4], Nicholas u Ayling (2003)[5], Gonzalez u Wilson (2003)[6], Maunsell *et al.* (2011)[7], Fox (2012)[8], Nicholas *et al*. (2016)[9]). Il-fehma komuni li dehret f' dawn ir-reviżjonijiet hi li l-mastite bil-mikoplażma ma tistax tiġi kkurata jew li ma tirrispondix għal kura bl-antimikrobiċi u li l-identifikazzjoni malajr ta' annimali infettati hija kruċjali għall-prevenzjoni tal-firxa tal-patoġenu fil-merħla.

# 3. Valutazzjoni tal-benefiċċji/riskji

**Introduzzjoni**

L-għan tal-proċedura ta' referenza kien li tikkunsidra d-data u l-għarfien xjentifiku attwali disponibbli dwar l-effikaċja ta' formulazzjonijiet tat-tilosina mogħtija b' mod parenterali awtorizzati għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp.

**Valutazzjoni tal-benefiċċju**

L-applikanti/id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ma pprovdew l-ebda data preklinika jew klinika biex tappoġġja l-indikazzjoni u ma ġie identifikat l-ebda benefiċċju tal-użu tat-tilosina fil-kura ta' mastite kkawżata minn *Mycoplasma* spp. Dawn il-prodotti mediċinali veterinarji huma indikati wkoll għall-kura ta' diversi mard ieħor inkluż infezzjonijiet respiratorji u gastrointestinali, iżda dawn l-indikazzjonijiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura ta' referenza.

**Valutazzjoni tar-riskju**

It-tilosina jappartjeni għal makrolidi li ġew ikklassifikati bħala antimikrobiċi kritikament importanti kemm fil-mediċini tal-bniedem kif ukoll dik veterinarja. Huwa aċċettat b' mod ġenerali li l-użu kollu tal-antimikrobiċi jżid ir-riskju tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u għalhekk biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' trażmissjoni ta' dik ir-reżistenza għall-pubbliku u għall-annimali, għandu jiġi evitat b' attenzjoni l-użu kollu mhux neċessarju.

[4] Pfützner H. and Sachse K. 1996. *Mycoplasma* bovis as an agent of mastitis, pneumonia, arthritis and genital disorders in cattle. Rev. sci. tech. Off. int. Epiz. 1996, 15(4), 1477-1494
[5] Nicholas RAJ and Ayling R 2003. *Mycoplasma* bovis: disease, diagnosis and control; Res. Vet. Sci. 2003: 74: 105-112
[6] Gonzalez RN and Wilson DJ 2003. Mycoplasma mastitis in dairy herds; Vet Clin North Am Food Anim Pract 2003: 19(1):199-221
[7] Maunsell FP, Woolums AR, Francoz D, Rosenbuch RF, Step DL, Wilson DJ, Janzen ED 2011. ACVIM Consensus Statement: *Mycoplasma* bovis infections in cattle; J Vet Intern Med; 2011: 25:772-783
[8] Fox LK 2012. Mycoplasma mastitis: causes, transmission and control. Vet Clin North Am Food Anim Pract 2012; 28: 225-37
[9] Nicholas RAJ, Fox LK, Lysnyansky I 2016. Mycoplasma mastitis in cattle: To cull or not to cull. A review. Vet Journal 2016 (2016) 142-147

*M. bovis* huwa patoġenu tal-beżżula kontaġġjuż ħafna li jinfirex faċilment. Din hi problema ewlenija għall-produzzjoni tal-ħalib u għat-trattament tal-annimali fil-merħliet affettwati, u tikkawża telf ekonomiku sever. Barra mill-mastite, *Mycoplasma* spp. jikkawża infezzjonijiet respiratorji, artrite u otite (medja) kemm fi frat żgħar kif ukoll akbar fl-età. Kura ineffiċjenti tal-mastite ikkawżata minn *Mycoplasma* spp. bit-tilosina ddewwem id-dijanjożi korretta, timpedixxi miżuri ta' kontroll effiċjenti u tippermetti l-firxa tal-patoġenu lil annimali oħrajn tal-merħla b' hekk tpoġġi f' riskju s-saħħa u t-trattament tal-annimali kif ukoll iżżid il-bżonn għall-kura bl-antimikrobiċi u għall-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi.

Il-monitoraġġ tan-nuqqas ta' effikaċja huwa parti mis-sistema tal-farmakoviġilanza veterinarja. Madankollu, huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jiġi vvalutat il-livell veru tan-nuqqas ta' effikaċja tat-tilosina fil-kura ta' "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." ibbażata biss fuq id-data ta' farmakoviġilanza peress li hemm probabbiltà kbira li avvenimenti avversi bħal dawn għall-antimikrobiċi rari ħafna jiġu rrappurtati.

**Miżuri ta' ġestjoni jew ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Il-Kumitat ikkunsidra li r-referenzi kollha għall-indikazzjonijiet "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." jew "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma bovis*" għandhom jitneħħew mill-informazzjoni dwar il-prodott għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali.

Peress li l-indikazzjonijiet imsemmija hawn fuq ilhom inklużi fl-informazzjoni dwar il-prodott ta' dawn il-prodotti mediċinali veterinarji għal bosta snin, il-Kumitat ikkunsidra li għandha tingħata informazzjoni dwar it-tneħħija tal-indikazzjoni, għalhekk għandha tiżdied is-sentenza ta' twissija li ġejja mal-informazzjoni dwar il-prodott: *"Id-data dwar l-effikaċja ma tappoġġjax l-użu tat-tilosina għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn Mycoplasma spp."*.

**Evalwazzjoni u konklużjonijiet fuq il-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju**

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kumitat ikkunsidra li l-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. bi prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali mhijiex effettiva. Barra minn hekk, il-Kumitat ikkonkluda li kura bl-antimikrobiċi ineffiċjenti bit-tilosina ddewwem id-dijanjożi korretta, timpedixxi miżuri ta' kontroll effiċjenti u tippermetti t-tixrid tal-patoġenu, b' hekk tpoġġi f' riskju t-trattament tal-annimali, waqt li tikkawża telf ekonomiku sever u riskju għal żieda fl-użu u fir-reżistenza antimikrobiċi.

Diment li l-indikazzjonijiet "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." jew "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp" jitneħħew mill-indikazzjoni ta' prodotti li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali, il-Kumitat ikkunsidra li l-benefiċċju u r-riskju ta' dawn il-prodotti jista' jkompli jitqies bħala wieħed pożittiv.

# Raġunijiet għall-emendar tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

Billi

- fin-nuqqas ta' data preklinika jew klinika u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku attwali, is-CVMP ikkunsidra li l-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp bi prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali mhijiex effettiva;
- is-CVMP ikkunsidra li kura bl-antimikrobiċi ineffiċjenti ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp bit-tilosina ddewwem id-dijanjożi korretta, timpedixxi miżuri ta' kontroll effiċjenti u tippermetti l-firxa tal-patoġenu, b' hekk tpoġġi f' riskju t-trattament tal-annimali, waqt li tikkawża telf ekonomiku sever u żżid ir-riskju għal reżistenza għall-antimikrobiċi minħabba bżonn

akbar għal kura bl-antimikrobiċi. Konsegwentement, is-CVMP ikkonkluda li l-indikazzjonijiet "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." jew mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma bovis*" ma jistgħux jibqgħu jinżammu;

is-CVMP irrakkomanda varjazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-tilosina li jingħataw b' mod parenterali u li huma intiżi għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. (ara Anness I) sabiex jiġu emendati s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif f' konformità mal-bidliet rakkomandati fl-informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilit fl-Anness III. Barra minn hekk, din l-indikazzjoni m' għandhiex tingħata lill-applikazzjonijiet pendenti għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (ara Anness I).

## Anness III

## Emendi fis-sezzjonijiet rilevanti tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

# Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

### 4.2 Indikazzjoni(jiet) għall-użu

Ħassar, fejn applikabbli, l-indikazzjoni "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp.". F' każijiet fejn l-indikazzjoni għal prodott partikulari tispeċifika l-patoġenu tal-mastite bħala *Mycoplasma bovis*, l-indikazzjoni għandha titħassar ukoll.

Żid, għall-prodotti kollha:

### 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

<u>Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali</u>

Id-data dwar l-effikaċja ma tappoġġjax l-użu tat-tilosina għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp.

### 4.9 Ammonti li għandhom jingħataw u rotta ta' amministrazzjoni

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni tad-dożaġġ relatata ma' "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." F' każijiet fejn l-indikazzjoni għal prodott partikulari tispeċifika l-patoġenu tal-mastite bħala *Mycoplasma bovis*, l-istruzzjoni tad-dożaġġ għandha titħassar ukoll.

### 5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għal "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. jew *Mycoplasma bovis*".

# Tikkettar:

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għal "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp. jew *Mycoplasma bovis*".

# Fuljett ta' tagħrif:

### 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħassar, fejn applikabbli, l-indikazzjoni "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp.". F' każijiet fejn l-indikazzjoni għal prodott partikulari tispeċifika l-patoġenu tal-mastite bħala *Mycoplasma bovis*, l-indikazzjoni għandha titħassar ukoll.

### 8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, ROTTA/ROTOT U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni tad-dożaġġ relatata ma' "mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp." F' każijiet fejn l-indikazzjoni għal prodott partikulari tispeċifika l-patoġenu tal-mastite bħala *Mycoplasma bovis*, l-istruzzjoni tad-dożaġġ għandha titħassar ukoll.

Żid, għall-prodotti kollha:

### 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

<u>Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali</u>:
Id-data dwar l-effikaċja ma tappoġġjax l-użu tat-tilosina għall-kura ta' mastite bovina kkawżata minn *Mycoplasma* spp.